MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 310/2003/1

**Francis Buttigieg**

**vs**

**Phone Direct Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta’ Marzu, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti, sabiex ihallsu s-somma ta’ elfejn hames mija disgha u sittin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm2,569.25) bilanc ta’ somma akbar, import ta’ diversi servizzi professjonali ta ‘accountancy’ resi a favur u fuq inkarigu tieghu matul il-perjodu ta’ bejn Settembru 2000 u

Ottubru 2002 skond l-annessi ma' l-Avviz fatturi u prospetti (Dokumenti 'A', 'B' u 'C').

Bl-ispejjez komprisi dawk ta' l-ittra interpellatorja, l-ittra ufficcjali kif ukoll tal-mandat ta' Sekwestru numru 1116/03 ipprezentat fit-30 ta' Mejju, 2003, kontra s-socjeta' konventa li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccipiet illi:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fil-fatt l-attur qatt ma forna certu servizzi li ghalihom huwa qed jippretendi hlas;
2. F'kull kaz l-ammont pretiz mill-attur ma huwiex dovut;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost kien sar qbil bejn il-partijiet dwar ammont fiss li kellu jithallas l-attur ghax-xoghol li kellu jaghmel, liema ammont kien wiehed ferm inferjuri ghal dak pretiz mill-attur illum. Minkejja dan il-ftehim, l-attur qed jippretendi hlas aktar ghax-xoghol liema ammont li qed jippretendi huwa ghal kollox esagerat u rragonevoli.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat illi:-

Il-bazi tat-talba attrici tirrigwarda proposta maghmula mill-kumpanija konvenuta sabiex l-attur jibda jahdem ta' 'accountant' ma' l-istess socjeta' konvenuta u sahansitra sabiex jipprezenta dokumenti neccessarji ghall-formazzjoni ta' l-istess kumpanija u sabiex jaghmel dak kollu illi jigi rikjest minnu mid-diretturi ta' l-istess kumpanija

konvenuta anke ghall-mili ta' l-'income tax returns' personali tad-diretturi, it-talbiet ghac-'children's allowance' u x-xoghol kollu finanzjarju personali ta' l-istess diretturi.

L-attur isosstni illi dan l-inkarigu naghta lilu f'Settembru, 2000, u gie terminat mill-konvenuti f'Otturbu, 2002.

L-attur isosstni ukoll li, mal-ftehim inizjali li kien sar mal-konvenuti, huwa beda jaqdi l-funzjoni ta' 'accountant' f'dak kollu li kellha bzonn is-socjeta' konvenuta u illi sa Lulju, 2002, meta pprezenta l-ewwel kont huwa kien ghadu ma rceva ebda pagament akkont u li in segwitu ghal dan il-kont irceva zewg pagamenti, wiehed fis-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) fil-15 ta' Awissu, 2002, u pagament ulterjuri akkont fil-31 ta' Awissu, 2002. Inoltre jkompli jsosstni li meta pprezenta l-kont finali fis-27 ta' Ottubru, 2002, (dokument 'B') il-konvenuti, ghalkemm ilmentaw li l-kont kien esagerat u pprometew li jaghmlu xi pagamenti akkont, ma wasslu biex ghamlu ebda pagament ulterjuri.

Rinfaccat bl-allegazzjoni li l-kontijiet illi pprezenta setghu kienu esagerati, l-attur, biex jevita proceduri gudizzjarji, rrefera l-kwistjoni lill-awditur tal-kumpanija konvenuta stess, Dr Anthony J. Cassar, sabiex dan janalizza x-xoghol li tieghu qed jippretendi l-hlas u sabiex dan jivverifika jekk il-hlas li qed jippretendi hux proporzjonat ghax-xoghol minnu maghmul.

L-istess Dr. Anthony J. Cassar, l-awditur tal-kumpanija konvenuta u bhala tali ghalhekk intiz sew bix-xoghol ta' 'accountancy' li din il-kumpanija kienet tirrikjedi u ghalhekk ukoll intiz bix-xoghol illi effettivament kien wettaq l-attur, wara li ezamina l-pretensjonijiet ta' l-attur, ikkonferma illi r-rati illi dan kien qieghed jitlob kienu proporzjonati ghax-xoghol li ghamel u huma gustifikati.

Ghandu jinghad ukoll illi sabiex jigu evitati proceduri gudizzjarji, l-istess awditur kien issuggerixxa li l-attur jirriduci t-talba tieghu bi hmistax fil-mija (15%) bhala riduzzjoni *ex gratia.*

Biex jirribattu din l-allegazzjoni il-konvenuti pproducew bhala xhieda, oltre lil Manuel Spiteri ta’ ‘Redeemer Furniture’, id-deposizzjoni tad-diretturi tal-kumpanija konvenuta Raymond Galea u martu Catherine Galea.

Minn naha taghhom dawn id-diretturi jsosstnu illi l-ftehim inizjali, illi sar ma’ l-attur dwar il-hlas li kellu jiehu talli jipprovdi xoghol ta’ ‘accountant’ ghall-kumpanija konvenuta, kien ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) fis-sena illi kienet giet accettata mill-istess attur minflok it-talba li kien ghamel ta’ sitt liri Maltin (Lm6) fis-siegha.

Inoltre jsosstnu li, billi kien previst illi x-xoghol tal-kumpanija konvenuta kien ser jikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta’ librett ta’ reklami kull tlett xhur, ossia erba’ (4) darbiet fis-sena, allura jikkonkludu illi s-sitt mitt lira Maltin (Lm600) li illi kellu jithallas l-attur, bbazati fuq erba pubblikazzjonijiet fis-sena, kellhom jigu maqsumin f’erba’ (4) pagamenti ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) il-wiehed, mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ghal kull publikazzjoni.

Billi m’hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi effettivament l-attur kien gie nkarigat mill-kumpanija konvenuta biex jaghmel xoghol ta’ ‘accountancy’ u dana b’effett minn meta giet registrata l-kumpanija konvenuta, u billi lanqas ma hemm kontestazzjoni illi effettivament l-attur kien ghamel xoghol ta’ ‘accountancy’ fl-interess tal-kumpanija konvenuta, u billi jirrizulta wkoll mic-certifikat ta’ l-awditur tal-konvenuti illi ghax-xoghol illi setgha ghamel l-attur ir-rati ta’ hlas li qed jippretendi kienu gustifikati u proporzjonati, jispetta lill-konvenuti illi bi provi sufficjenti jirribattu l-allegazzjonijiet ta’ l-attur billi jiggustifikaw l-allegazzjoni taghhom illi l-attur kien intitolat biss li jircevi mija u hamsin lira Maltin (Lm150) ghal kull pubblikazzjoni li tkun saret tal-librett ‘Phone Direct’.

Mill-ewwel pero’ tidher kontradizzjoni f’dak li qed isostnu l-konvenuti.

Infatti, filwaqt illi huma jippretendu illi sar ftehim ma’ l-attur dwar hlas ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) fis-sena ghal

servizzi ta' 'accountant' rabtu din is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) ma' kull pubblikazzjoni tal-kollezzjoni ta' reklami bl-isem 'Phone Direct' meta jaccettaw ukoll illi x-xoghol ta' 'accountancy' li kellu jaghti l-attur ma kienx esklussivament marbut ma' dawn il-pubblikazzjonijiet. Anzi jirrizulta li s-servizzi ta'l-attiur sahansitra kienu jinkludu l-formazzjoni ta' l-istess kumpanija u r-registrazzjoni taghha mar-Registratur tal-Kumpaniji u d-diversi prestazzjonijiet u servizzi ohra elenkati fil-kont tieghu li l-konvenuti ma jikkontestawx li saru, izda jikkontestaw biss illi r-rata ta' hlas ghal dawn is-servizzi hija esagerata.

Anke il-fatt li l-konvenuti jallegaw li l-ftehim ta' pagament fis-sena huwa indikattiv illi l-kumpens li kellhu jircievi l-attur ma kienx martbut mal-hargiet tal-publikazzjoni 'Phone Direct'

Infatti Catherine Galea, prodotta mil-kumpanija konvenuta, ssostni illi, oltre l-assistenzi kollha li kellu jaghti lill-kumpanija konvenuta f'dak kollu li kien jirrigwarda x-xoghol ta' 'accountant', l-attur kien mistenni ukoll li jaghti assistenza anke ghall-mili ta' l-'income tax returns' personali tad-diretturi u anke ghat-talbiet ghac-'children's allowance' u ghal dak kollu illi d-diretturi personalment kien ikollhom bzonn.

Huwa rilevanti wkoll f' dan ir-rigward li jigi senjalat li l-konvenuti, kien x' kien il-ftehim, ma kienu hallsu xejn lill-attur ghal kwazi sentejn xoghol, lanqas almenu mija u hamsin lira Maltin (LM150) ma kull pubblikazzjoni; kif ukoll jirrizulta li lanqas ma ghamlu l-hlas immedjat ta' dak kollu li jaccettaw li kien dovut meta l-attur spedixxa l-ewwel kont tieghu; anzi jirrizulta li l-pagamenti akkont li saru f' Awissu 2002 ma sarux b'xi riservi specifici jew li kienu ghas-saldu.

Ghalhekk issib illi l-verzjon attrici hija l-unika wahda verosimili tenut kont dawn ic-cirkostanzi kollha u timmerita li tigi akkolta u konsegwentement, fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenut li thallas lill-attur s-

somma mitluba ta’ LM2596.25 (elfejn, hames mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) ghar-ragunijiet iindikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.”

Kontra din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta li talbet ir-revoka taghha. L-aggravju minnha koncepit hu, tista’ tghid, wiehed prettament ta’ kontestazzjoni ta’ l-apprezzament tal-provi da parti ta’ l-ewwel Qorti. Salv ghar-rikors li taghmel ghall-principji ta’ l-oneru tal-provi u tal-*pacta sunt servanda*, fih ma nsibu l-ebda punt ta’ dritt. Hi, anzi, tikkontendi li l-attur naqas milli jipprova adegwatament il-fatti kostitutivi tal-pretensjoni tieghu, li l-kreditu vantat kien wiehed “fittizju” naxxenti minn rezokont “arbitrarju” u “suspettuz” tal-prestazzjonijiet li allegatament jghid li ghamel. Fl-istess waqt li tghid dan, ticcensura lill-ewwel Qorti talli din ma accettatx il-versjoni tar-rapprezentanti taghha tar-rapport negozjali milhuq ma’ l-attur, biex finalment tikkonkludi illi f’ kaz li z-zewg versjonijiet kellhom jitqiesu t-tnejn plawsibbli u verosimili dan kellu b’ konsegwenza jissarraf fid-deduzzjoni illi l-attur ma jkunx konkludentement ipprova t-talba tieghu;

Huwa fatt inkontrastat illi l-attur gie imqabbad mis-socjeta` konvenuta jaghmel xoghol ta’ *accountant*. Tali ftehim certament jikkonfigura bhala wiehed ta’ “*locatio operis*” definit fl-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Essenzjalment dan igib li min jippresta s-servizzi tieghu proprji, taht kwalsiasi forma u ghall-vantagg ta’ haddiehor li jkun hekk inkarigah, jisthoqqlu li jigi retribwit. Dan fuq l-istregwa tal-massima tradizzjonali maghrufa “*omnia labor optat premium*”. Ordinarjament, il-kumpens dovut jikkorrispondi ghal dak specifikament maqbul; in mankanza ta’ patt espress, dan jigi determinat skond certi kriterji gwida provvduti fl-Artikolu 1624 tal-Kapitolu 12, ossija bil-ligi jew b’ uzu, skond it-tariffi professjonali appartenenti, jew bl-assistenza ta’ perizja jew direttament mill-gudikant. S’ intendi, dan tenut qies tan-natura, id-durata, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti, tal-prestazzjoni;

Jitnissel minn dan illi f' kuntratt konsimili si tratta minn obbligazzjoni "*di facere*" li, meta ezegwita b' mod professjonalment idoneju, titqies *in se* sufficcjenti biex tikkreja l-interess kreditorju f' min jirreklama l-hlas;

Maghdud dan, il-kuntrast hawn involut bejn il-kontendenti jidher li hu koncentrat fuq id-diverbju tal-korrispettiv appattwit. Ragonevolment, ir-rizoluzzjoni ta' kwestjoni bhal din, meta tinsorgi, tiddependi mill-valur u mill-kredibilita` li trid tinghata lix-xhieda tal-partijiet infushom;

Ghall-ewwel Qorti l-attur irnexxielu jgib provi dimostrativi u konvincenti illi, oltre x-xoghol korrelatat mal-preparazzjoni u pubblikazzjoni tal-*magazine* imniedi mis-socjeta` appellanti, dan wettaq prestazzjonijiet ohra varji; ad ezempju, il-formazzjoni u r-registrazzjoni tal-kumpanija konvenuta, *feasibility reports*, gbir ta' *accounts* u mili ta' denunzji tat-taxxa. Jikkonsegwi allura, dejjem fir-ragonament ta' dik il-Qorti, illi r-retribuzzjoni misthoqqa kellha tkun kommizurata wkoll mar-rizultat ta' dawn il-prestazzjonijiet;

Issa hadd ma jinnega illi l-gudikant ghandu poter diskrezzjonali wiesgha li jqis dawk il-provi li jkunu sufficjenti ghall-gudizzju tieghu, u li jivvaluta l-elementi kollha attendibbli tal-fatti processwalment akkwiziti. Hekk huwa jista' jqieghed a fondament tad-decizjoni tieghu sors ta' prova ad eskluzjoni ta' ohra jew ohrajn. Jibqa' dejjem importanti, pero`, li jipprovdi motivazzjoni ragonevoli tal-konvinciment tieghu. Hi proprju din id-diskrezzjonalita` li s-socjeta` appellanti tattakka bl-aggravju taghha. Fl-ispjegazzjoni taghha fir-rikors ta' l-appell tissottometti illi l-attur ma gabx prova sodisfacenti tad-diversi servizzi li jghid li ghamel 'l hinn mill-ftehim milhuq tas-somma anwali fissa. Ghaliha, ir-rendikont prodott mill-attur hu wiehed ivvintat tant li fi hsieb il-kumpanija appellanti dan thejja

biss wara li l-attur kien mgharraf li ma kienx ser jibqa' aktar l-*accountant* tal-kumpanija;

Kontra dan l-attakk tas-socjeta` appellanti fuq id-diskrezzjonalita` ta' l-ewwel Qorti ta' l-apprezzament taghha tal-versjonijiet u tal-provi, din il-Qorti jidhrilha, *ex-facie* l-atti tal-kawza, illi dik l-istess diskrezzjoni giet sew ezercitata. Anzi, bla ezitazzjoni, taggungi li tali ezercizzju ma kienx jiddifetta minn valutazzjoni errata tal-provi. L-ewwel Qorti korrettement stabbiliet illi l-ftehim ma kienx dak biss rakkontat mir-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti, hekk limitat ghal hlas prefiss ghal xoghol konness mal-pubblikazzjoni, imma kien jinkorpora wkoll xoghlijiet ohra ta' *accountancy* li, incidentalment, skond l-opinjoni professa mill-awditur ta' l-istess socjeta`, kienu jimmeritaw l-korrispettiv korrispondenti ghalihom;

Kif gja rilevat *supra*, oltre li tikkritika din id-diskrezzjonalita`, is-socjeta` appellanti ticcensura lill-ewwel Qorti li din tat affidament u kredibilita` lil versjoni ta' l-attur milli lil dik taghha. Naturalment, hi ssostni li anke dik taghha kellha titqies ugwalment kredibbli u versomili. Dan taghmlu, s' intendi, fuq il-pretest li tkun tista' tikkampa ruhha fuq dik il-gurisprudenza li ssenjalat il-principju illi "fejn l-assjem tal-provi hu tali li l-versjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritiera" allura l-gudikant "jehtieglu jasal biss ghall-konluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu". Ara "**Joseph Vincent Rausi *nomine* -vs- Joseph Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru 1992, u "**George Mifsud *nomine* -vs- Philip Micallef**", Appell Inferjuri, 1 ta' Lulju 1997, fost ohrajn;

Din il-Qorti, kif presjeduta, filwaqt li hi wkoll konkordi ma' dan il-principju tant li applikatu, fejn misthoqq, f' xi decizjonijiet taghha, issenjalat il-kawtela illi wiehed m' ghandux leggerment jadotta dak l-istess principju qisu xi skappatoja favur it-tezi tal-konvenut. Kull kaz ghandu,

invece, jigi investigat u interpretat fil-konfini tal-fattispeci pekuljari tieghu. Fil-kaz prezenti la l-provi u lanqas is-sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti ma jwasslu sal-punt ta' dik il-perswazjoni karatterjali li tinduci lill-Qorti taccetta, fuq il-bilancja tal-provi, illi l-versjoni taghha hi wkoll possibbli u plawsibbli li timmerita l-adozzjoni tal-principju appena accennat. Fir-realta` processwali, imbaghad, kif sewwa gie rilevat ukoll mill-ewwel Qorti, il-mizien tal-kredibilita` u tal-verosimiljanza jeghleb favur il-versjoni ta' l-attur u mhux bil-kontra. Mhux il-kaz lanqas li din il-Qorti taccetta bhala sagrosanti l-bosta kongetturi u supposizzjonijiet ta' "qerq", kontijiet "arbitrarji" u "suspettuzi" meta minn dan kollu ma nsibu ebda riskontru fir-rizultanzi istruttorji tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------